LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24 ta' Gunju 2008 fl-2.00 p.m..

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Joseph Camilleri |
| **Assenti:** | Dr. Frank Psaila |

.

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 14 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mis-Sinjura Luċia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku Joseph Scicluna qal li dwar it-talba tal-kumpanija GO biex jitwaħħal kabinet fuq il-bankina fi Triq Dun Ġużeppi Debono, huwa (il-Viċi Sindku) kien mar fuq il-post flimkien ma uffiċjal tal-GO. Bħala alternattiva is-Sur Scisluna indika post fi Triq Andre' Vassallo, f'parti fejn ma hemmx bini. Jidher li dan il-post ġie aċċettat minn GO minflok dak propost oriġinarjament fi Triq Dun G. Debono.

2.2 Dwar it-trasferiment tad-*Disabled Parking Bay* minn Triq 9 ta' April, is-Sur Scicluna qal li t-trasferiment għal Misraħ il-Knisja kien sar.

2.3 Wara li talab u ngħata l-permess mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand il-Kappillan u mingħand is-Sur Pawlu Tonna biex il-*parking bay* għall-persuni b'diżabilita' li kien hemm fi Triq id-9 ta' April terġa ssir.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sa l-24 ta' Ġunju 2008, fosthom ;

a) ittra mill-Kappillan dwar il-programm tal-festa titulari ta' Sant'Andrija ;

b) email bi tweġiba ta' l-AKL għall-ittra tal-Kunsill dwar il-*Bus Shelters* ġodda. Dwar il-*Bus Stop* ta' ħdejn id-Dinitrol, il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sur Victor Caruana li sakemm isir il-*Bus Shelter*, il-*Bus Stop* jerġa jmur fejn kien, fejn għal-lanqas in-nies ikollhom fejn jistkennu speċjalment wara nofsinhar.

c) kopja ta' petizzjoni li ntbagħtet lid-DGL minn residenti ta' Triq Dun Pawl li titlob għat-tneħħija tas-CCTV li twaħħlet f'dik it-triq. Dwar din il-petizzjoni s-Sindku qal li l-kamera fi 'Triq Dun Pawl' twaħlet wara li għaddiet mill-proċess kollu u ġiet approvata mill-kumitat ta' l-L.E.S. L-approvazzjoni ngħatat wara l-laqgħat li saru mas-Sur P.P. Ripard ta' l-L.E.S. li saħansitra għamel 'site visits' qabel ma għamel ir-rakomandazzjonijiet tiegħu.

Is-Sindku, waqt laqgħat li attendew għalihom il-Vici Sindku, is-Sur Ripard u s-Sur Schranz Cardona, uffiċjal għoli tal-BOV, saħaq li l-Kunsill mhux se joħroġ ebda sod għal din il-kamera. Minn naħa tiegħu l-BOV għamilha ċara li mhux se jċaqlaq l-ATM minn fejn hi, imma kien lest li jirrikorri għall-installazjoni tal-kamera bi spejjeż għal-bank.

Is-Sindku żied jgħid li dan kollu kien ġabu għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha f'laqgħat diversi tal-Kunsill, kif jixhdu l-Minuti tal-Kunsil, bla ma qatt kien hemm oġġezzjoni.

Mid-diskussjoni ħareġ ukoll li jekk xi ħadd mir-residenti ta' Triq Dun Pawl jitlob lill-LES u jirnexxielu jċaqlaq il-*carmera* minn fejn hi, il-Kunsill jikkonsidra tajjeb li din titneħħa minn hemm. Ġie suġġerit ukoll li ssir talba mill-Kunsill lill-ADT biex il-*parking-bay* issir quddiem l-ATM.

d) email dwar seminar fuq il-fondi mill-Unjoni Ewropea.

e) Memo 13/2008 mid-DGL dwar proċeduri ġodda dwar Ġemellaġġi.

f) Email mill-Kunsill ta' Fiumiċino biex nippreparaw proġett għas-sena 2009. L-applikazzjoni għal dal-progett jagħlqu fl-aħħar ta' Lulju 2008. Din il-korrispondenza ġiet mgħoddija lis-Sur Joe Piscopo għal azzjoni.

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa tgħid : **li l-Kunsill japprova li ssir il-ħarġa annwali għal Għawdex għar-residenti ta' Ħal Luqa, inklużi persuni b'diżabilita'.**

4.1.i Wara diskussjoni li matulha ġie fissat il-jum tas-7 ta' Awissu 2008, il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

4.2 Mozzjoni mressqa mis-Sinjura Luċia Massa u ssekondata mis-Sindku John Schembri li tgħid : **li l-Kunsill japprova li, bħas-snin imgħoddija, tiġi organiżżata Skolasajf għat-tfal ta' eta minn 4 snin sa 7 snin.**

4.2.i Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

LUQA

**5. ĦLASIJIET**

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sa l-24 ta' Ġunju 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fit-3.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 21 ta' Lulju 2008.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv